A.L. 113 ta' l-1990

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Baħħara biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għall-Baħħara dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Baħħara biex Jirregola l-Pagi u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1977 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Baħħara biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 100 ta' l-1977.

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fit-23 ta' Lulju, 1990.

Jemenda l-paragrafu 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira ta' "impjegat *whole-time*" li hemm fil-paragrafu 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

" "għassies" huwa mpjegat li jieħu ħsieb il-proprjetà ta' l-imgħallem tiegħu kontra ħruq, serq, dħul bla permess u ħwejjeġ oħra relatati.".

Jemenda l-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

3. Il-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subparagrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsa u erbgħin siegħa xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "erbgħin siegħa xogħol"; u

(b) fis-subparagrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsin siegħa xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "tmienja u erbgħin siegħa xogħol".

Jemenda l-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

4. Minflok is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, għandu jidħol dan is-subparagrafu ġdid li ġej:—

"(b) is-sigħat kollha maħdumim fuq bażi ta' *shift* bil-lejl regolari għandhom jitħallsu bir-rata tal-ħin u minn ħamsa wieħed tar-rata fis-siegħa li tapplika għal dak l-impjegat.

Tabella ta' l-Anqas Paga

KATEGORIJA A

(Light duty tugs jew *lighters)*

Coxswain	Lm35.63,0
Engine Driver	Lm35.13,0
Pumpman	Lm34.38,0
Għassies	Lm33.38,0
Baħri jew sengħa oħra	Lm34.13,0

KATEGORIJA B

(Heavy duty tugs)

Master	Lm39.13,0
Inġinier	Lm37.63,0
Boatswain	Lm34.63,0
Greaser	Lm34.63,0
Għassies	Lm33.38,0
Baħri jew sengħa oħra	Lm34.38,0

KATEGORIJA Ċ

(Luzzijiet)

Master	Lm39.13,0
Coxswain	Lm35.63,0
Inġinier	Lm37.63,0
Engine Driver	Lm33.38,0
Għassies	Lm35.13,0
Baħri jew sengħa oħra	Lm34.13,0

KATEGORIJA D

(Vapur ta' Għawdex)

Kaptan	Lm43.35,0
Coxswain	Lm36.63,0
Boatswain	Lm35.63,0
Inġinier ta' l-Ewwel Klassi	Lm40.65,0
Inġinier tat-Tieni Klassi	Lm38.63,0
Inġinier tat-Tielet Klassi/*Engine Driver*	Lm36.13,0
Baħri/*Deckhand*	Lm34.13,0
Għassies	Lm33.38,0
Snajja' oħra	Lm34.13,0

KATEGORIJA E

(Yachts, pleasure boats, eċċ.)

Skipper/Kaptan	Lm39.63,0
Inġinier	Lm37.63,0
Engine Driver	Lm35.38,0
Coxswain	Lm35.63,0
Boatswain/Mate	Lm34.63,0
Baħri/*Deckhand*	Lm33.63,0
Għassies	Lm33.38,0.".

5. Il-paragrafu 4 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Jemenda l-paragrafu 4 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

(a) fil-partita A (i) fis-subparagrafu (1) tiegħu, minflok il-kliem "'l fuq minn disa' sigħat" għandhom jidħlu l-kliem "'l fuq minn tmien sigħat"; u

(b) fil-partita (i) fis-subparagrafu (2) tiegħu, minflok il-kliem "'l fuq minn ħamsin f'kull" għandhom jidħlu l-kliem "'l fuq minn tmienja u erbgħin siegħa f'kull".

6. Minflok il-paragrafu 5 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:— Jissostitwixxi l-paragrafu 5 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

"*Leave* għal vaganza.

5. (1) B'żieda mal-anqas mistrieħ fil-ġimgħa li jistgħu ikunu intitolati għalih impjegati *whole-time* skond il-paragrafu 9, impjegati *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-*leave* għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn —

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' ġimgħat tax-xogħol u tliet ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta impjegat *whole-time* ikun ilu impjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza msemmi skond ma jkun il-proporzjon tan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "*leave* għal vaganza" tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u impjegat, b'dan illi jum wieħed *leave* għal

vaganza matul l-1988 u l-1989, jumejn *leave* għal vaganza matul l-1990, tliet ijiem *leave* għal vaganza matul l-1991 u erbat ijiem *leave* għal vaganza matul l-1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shut-down* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.".

Jemenda l-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

7. Il-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subparagrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali"; u

(b) fis-subparagrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".

Jissostitwixxi l-paragrafu 11 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

8. Minflok il-paragrafu 11 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"*Leave* ieħor.

11. (a) Impjegat *whole-time* jingħata tliet ijiem *leave* bil-paga fl-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu u jumejn *leave* bil-paga fl-okkażjoni tat-twelid ta' tarbija lil martu.

(b) Impjegat *whole-time* jkollu dritt għal għaxart (10) ijiem *study leave* b'paga sħiħa f'kull sena biex jikseb ċertifikat fis-sengħa tiegħu:

Iżda *study leave* jiġi approvat suġġett għall-preżentazzjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa dwar iċ-ċertifikat konċernat mill-impjegat u li hu jkun marbut li jaħdem għall-perijodu ta' mill-anqas tliet xhur mal-kumpanija wara li r-riżultati jiġu pubblikati. *Study leave* bħal dak ma jistax jittieħed aktar minn darbtejn għall-istess ċertifikat;

Iżda wkoll, jekk impjegat jagħżel li jitlaq mix-xogħol qabel ma jgħaddu t-tliet xhur, l-impjegat ikollu jħallas lill-prinċipal tiegħu dik is-somma ta' flus ekwivalenti għall-paga li tkun tħallset lilu dwar dak in-numru ta' ġranet meħudin bħala *study leave*.".